# QORTI KRIMINALI
## GĦALL-GŻIRA TA' MALTA U L-GŻEJJER LI JAGĦMLU MAGĦHA

**Att ta' Akkuża numru:** **17/2021**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**Yorgen FENECH** ta' 39 sena, iben George Fenech u Patricia nee' Camilleri, imwieled il-Pieta', Malta fit-23 ta' Novembru 1981, u residenti ġewwa Portomaso, 2592, Vjal Portomaso, San Ġiljan, Malta, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 0036482M.

**L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, tgħid:**

**L-EWWEL (1) KAP**
*Kompliċita' fl-Omiċidju Volontarju ta' Daphne Caruana Galizia*

## Il-fatti :

*Il-jum*: is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017);
*Il-ħin*: it-tlieta neqsin minuta u ħames sekondi ta' wara Nofsinhar (14:58:55);
*L-akkadut:* Splużjoni qawwija tgħeżżeż l-inħawi hiemda u pjuttost rurali tal-Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta. Ftit minuti qabel, il-ġurnalista nvestigattiva rinomata Daphne Caruana Galizia, mara ta' tlieta u ħamsin (53) sena, sellmet lil binha Matthew u nfurmatu li kienet ħierġa ftit għax kellha appuntament il-bank.

Fil-fatt hija ħarġet mid-dar tagħha ftit minuti qabel it- tlieta ta' wara nofsinhar (15:00 hrs.) u rikbet ġewwa l-vettura ta' l-għamla *Peugeot* mudell *108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668 li kienet mikrija (*leased*) lilha. Li ma kenitx taf, pero', kien li ftit sekondi biss wara, ħajjitha kienet ser tittieħdilha b'mod mill-aktar kodart, vjolenti u brutali;

Illi fil-fatt, malli hija saqet mill-isqaq biswit ir-residenza privata tagħha *"Dar Riħana"* għal ġo t-triq prinċipali, u ċioe' Triq il-Bidnija, ġewwa l-Bidnija, bomba qawwija li kienet tpoġġiet taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha matul il-lejl ta' qabel bl-intenzjoni speċifika li s-Sinjura Caruana Galizia tinqatel, ġiet sploduta remotament permezz ta' messaġġ ċellulari (*SMS*);

Illi l-esplożjoni tant kienet vjolenti li kkaġunat il-mewt tas-Sinjura Caruana Galizia, b'diversi partijiet minn ġisimha jittajru mbiċċra 'l barra mill-karozza ma' l-esplożjoni, u l-kumplament ta' ġisimha jispiċċa maħruq qalb il-qafas ta' ħadid mgħawweġ ta' dik li ftit qabel kienet il-karozza tagħha, wara li din spiċċat ħuġġieġa nar f'għalqa biswit it-triq;

*Ir-retroxena*: jum fost l-oħrajn f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) l-akkużat **Yorgen FENECH** ċempel lil ċertu Melvin Theuma, li kien għadu kemm wasal id-dar wara ġurnata xogħol bit-*Taxi*, u talbu sabiex jerġa' jmur lura lejn il-*Hilton*, preċiżament biswit l-istabbiliment ta' l-ikel orjentali fin *Blue Elephant*, għaliex kellu bżonn ikellmu dwar materja li ma kenitx ta' fuq it-telefon;

Melvin Theuma kien ħabib kbir ta' l-akkużat **Yorgen FENECH**. Theuma kien jaf liz-ziju ta' Yorgen, Ray Fenech, u minn din il-konoxxenza nibtet il-ħbiberija ma' l-akkużat **Yorgen FENECH**. Din il-ħbiberija baqgħet tissaħħaħ matul is-snin tant li Theuma spiċċa wieħed mill-aktar persuni li l-akkużat **Yorgen FENECH** kien jafda'. Kien jafdah tant li ħadu miegħu għal diversi safriet barra minn Malta, kien jistiednu għal ikliet ġewwa l-*farmhouse / ranch* li Fenech għandu ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u kien prattikament ix-xufier ta' l-akkużat **Yorgen FENECH** u l-familja tiegħu: minħabba li Melvin Theuma kien sid u xufier ta' *Taxi*, kull meta l-akkużat **Yorgen FENECH** u/jew membri tal-familja tiegħu kienu jsiefru, kienu jinkarigaw lil Theuma biex iwassalhom lejn l-ajruport u jmur jiġborhom u jwassalhom lura d-dar meta jirritornaw. *Di piu'*, l-akkużat **Yorgen FENECH** kien ikkonċeda lil Melvin Theuma *Taxi Stand* biswit il-lukanda *Hilton*, proprjeta' tal-familja Fenech, sabiex b'hekk Theuma kellu post 'privileġġjat' biswit din il-lukanda lussuża, minn fejn kien jaqla' lira tajba, tant li kien jaħdem minn dan l-i*stand* kuljum;

Lura għal dak il-jum f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), Melvin Theuma rħiela lura lejn il-*Hilton* fejn, ħdejn l-istabbiliment *Blue Elephant*, kif miftiehem, iltaqa' ma' l-akkużat **Yorgen FENECH**. Din id-darba, pero', **Yorgen FENECH** ma riedx ikellem lil Melvin Theuma dwar xi ikla. Jew xi safra. Jew xi mħatra fuq xi żiemel li jtellaq ġewwa Franza. Din id-darba l-iskop ta' l-inkontru kien wieħed kriminali, imdemmi, u traġiku: l-akkużat **Yorgen FENECH** ried lil Melvin Theuma jsiblu lil xi ħadd biex joqtol lill-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. **Yorgen FENECH** semmielu lil *"Ġorġ iċ-Ċiniż tal-Marsa"* (*ossia* George Degiorgio magħruf bħala *iċ-Ċiniż*, li kien ipoġġi ġewwa l-*potato shed* ix-xatt tal-Marsa) bħala persuna li setgħet forsi tidħol għal biċċa xogħol bħal din. Skond ma qal l-akkużat **Yorgen FENECH** lil Melvin Theuma f'dan l-istadju, huwa ried li Daphne Caruana Galizia tinqatel għaliex kellu nformazzjoni li hija kienet ser tippubblika xi storja jew stejjer dwar zijuh Ray. Melvin Theuma qal lil **Yorgen FENECH** li ma kellux *contact number* ta' Ġorġ iċ-Ċiniż, pero' kien ser jara kif jakkwistah;

Melvin Theuma ma rnexxielux jakkwista n-numru ta' George Degiorgio, pero' rnexxielu jakkwista dak ta' ħuh Alfred, magħruf bħala *il-Fulu*. Ftehemu li jiltaqgħu l-għada biswit il-*potato shed* tal-Marsa. U hekk ġara. F'din il-laqgħa Melvin Theuma nforma lil Alfred Degiorgio li "kellu persuna" (b'referenza għall-akkużat **Yorgen FENECH**, pero' mingħajr ma' żvela l-identita' tiegħu) li ried jikkuntratta l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Ir-risposta ta' Degiorgio kienet f'forma ta' domanda: *"imma jħallas dan?!"*, b'Theuma jaċċertah li li kieku l-mandant ma kienx jiflaħ iħallas, lanqas biss kien jieħu l-iżbriga li jmur ikellmu. Alfred Degiorgio qal lil Melvin Theuma li kien ser ikellem 'lil sħabu' u jiġi lura b'risposta. U hekk ġara. Jumejn wara Melvin Theuma u Alfred Degiorgio reġgħu ltaqgħu, din id-darba ġewwa l-istabbiliment *Busy Bee* ġewwa l-Imsida, fejn Degiorgio ikkwota lil Theuma l-prezz għall-omiċidju tal-ġurnalista: mija u ħamsin elf Ewro (€150,000). Tletin elf Ewro (€30,000) depożitu irrifondibbli bil-quddiem, u l-bilanċ ta' mija w għoxrin elf Ewro (€120,000) jitħallsu wara li jsir il-qtil. Theuma qal lil Degiorgio li kien ser jinforma lil min kien inkarigah – *ossia* lill-akkużat **Yorgen FENECH** (dejjem mingħajr ma żvela l-identita' tiegħu lil Degiorgio) – u jkellmu lura;

Melvin Theuma għalhekk informa lill-akkużat **Yorgen FENECH** bil-prezz mitlub minn Alfred Degiorgio u sħabu, u ċioe' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000), b'**FENECH** iwieġbu li kien ser ikellmu lura. Nel frattemp, pero', nhar l-Ewwel (1) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) tħabbret elezzjoni ġenerali skedata għat-Tlieta (3) ta' Ġunju ta' l-istess sena, bl-akkużat **Yorgen FENECH** iċempel lil Melvin Theuma u jgħidlu biex iżomm l-omiċidju *on hold*. Xi ġimgħatejn wara l-elezzjoni, pero', l-akkużat **Yorgen FENECH** ried jipproċedi bil-pjan, u għalhekk

għadda lil Melvin Theuma pakkett kannella kontenenti mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) fi flus kontanti, rappreżentanti l-pagament biex tinqatel Daphne Caruana Galizia. Melvin Theuma qabad tletin elf Ewro (€30,000) minn dan l-ammont u mar jagħtihom lil Alfred Degiorgio bħala depożitu għall-qtil, kif mitlub. Il-kumplament warrabhom biex jagħtihomlu *una volta* jsir il-qtil, kif miftiehem. Meta ltaqgħu biex jitħallas id-depożitu fi tliet (3) pakketti ta' għaxart elef Ewro (€10,000) kull wieħed, Alfred Degiorgio nforma lil Melvin Theuma li d-delitt kien ser jitwettaq minnu, minn ħuħ Ġorġ (George Degiorgio, *iċ-Ċiniż*), u minn Vince *il-Koħħu* (Vincent Muscat);

Meta bdew għaddejjin il-ġranet, ġimgħat, u saħansitra xhur mill-pagament tad-depożitu u l-ġurnalista Caruana Galizia kienet għadha ħajja u attiva ħafna fuq il-*blog* popolari tagħha, l-akkużat **Yorgen FENECH** beda jsir nervuż u kien kontinwament jiffitta lil Melvin Theuma biex 'jiġri wara' Alfred Degiorgio u sħabu ħalli jfittxu joqtlu lil Caruana Galizia mill-aktar fis għax kienet ser tippubblika xi nformazzjoni *dwaru* (u mhux dwar zijuh Ray, kif kien qallu qabel!), u għalhekk il-ħtieġa kienet li hija tinqatel *qabel* ma' toħroġ din l-informazzjoni;

Jirriżulta li Alfred Degiorgio *il-Fulu*, George Degiorgio *iċ-Ċiniż*, u Vincent Muscat *il-Koħħu* wżaw dan iż-żmien sabiex, bid-depożitu ta' l-akkużat **Yorgen FENECH** f'idejhom, jippjanaw u jħejju l-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt bir-reqqa. Huma ħasbu sabiex jakkwistaw splussiv qawwi, *mobile phones* differenti minn dawk li kienu jużaw abitwalment, u numru ta' *sim cards.* Huma bdew iħufu regolarment fl-inħawi tal-Bidnija, mhux lanqas fis-siegħat mudlama tal-lejl, sabiex jiflu u josservaw l-akkwati tar-residenza tas-Sinjura Caruana Galizia, kif ukoll il-movimenti kwotidjani tagħha, sakemm finalment fil-lejl ta' bejn il-Ħmistax (15) u is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) ġiethom l-opportunita': bil-vettura tas-Sinjura Caruana Galizia (*Peugeot 108* bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ-668) ipparkjata fit-triq, fis-satra tal-lejl huma fetħuha u taħt is-*seat* tax-xufier poġġew bomba qawwija ħafna armata mhux biss bi splussiv *high explosive* iżda wkoll b'*GSM Module* sabiex il-bomba tkun tista' tiġi sploduta remotement permezz ta' telefon ċellulari;

Ftit qabel it-tokki tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs) tas-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, injota għal kollox mill-inkarigu mdemmi ordnat u mħallas mill-akkużat **Yorgen FENECH** u mfassal b'mod metikoluż mill-aħwa Degiorgio u minn Vincent Muscat, sellmet lil binha, ħarġet mir-residenza tagħha, rikbet fil-vettura u bdiet issuq biex tmur il-bank. F'dak il-mument Alfred Degiorgio (li kien qiegħed jissorvelja r-residenza ta' Caruana Galizia flimkien ma' Vincent Muscat) ċempel

lil ħuh George Degiorgio (li kien fuq il-*Cabin Cruiser* tiegħu bl-isem ta' *Maya* ġewwa l-Port il-Kbir), li, minn naħa tiegħu, bl-intenzjoni ċara u speċifika hekk kif mitluba, ordnata, mħallsa u kwindi kondiviża mill-mandant l-akkużat **Yorgen FENECH** *tramite* s-'sensar' Melvin Theuma u miftehema ma' Alfred Degiorgio u Vincent Muscat li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jpoġġulha ħajjitha f'perikolu ċar, qabad telefon ċellulari, ittajpja l-kodiċi: "*#rel1 = on*", u bagħat dan il-kodiċi qattiel lin-numru tas-*SIM Card* ġewwa l-*GSM Module* formanti parti mill-bomba sitwata taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura tas-Sinjura Caruana Galizia. Malli l-*GSM Module* irċieva dan il-kodiċi, preċiżament fit-tlieta neqsin minuta u ħames sekondi ta' wara Nofsinhar (14:58:55 hrs) tas-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), dan il-*module* iddetona l-bomba, liema detonazzjoni kkaġunat il-mewt tas-Sinjura Caruana Galizia, hekk kif xtaq, ordna, u ħallas l-akkużat **Yorgen FENECH**;

Ftit ġranet wara l-qtil, Alfred Degiorgio mar għand Melvin Theuma, preċiżament ġewwa l-garaxx ta' Theuma sitwat fi Triq ta' Gidwet, Marsascala, sabiex minn hemmhekk jiġbor il-bilanċ dovut. Minbarra l-mija w għoxrin elf Ewro (€120,000) rappreżentanti l-bilanċ mill-mija w ħamsin elf Ewro (€150,000) li kien għadda lil Theuma l-akkużat **Yorgen FENECH** sabiex jitwettaq il-qtil, Degiorgio talab lil Theuma ħamest elef Ewro (€5,000) żejda għaliex, skond Degiorgio, hu u sħabu kienu nefqu xi flus għal affarijiet li ma kenux ħasbu għalihom qabel [fosthom biex xtraw tromba (*binoculars*) sofistikata] fil-preparamenti għall-omiċidju. Melvin Theuma għalhekk qabad ħamest elef Ewro (€5,000), għamilhom mal- mija w għoxrin elf Ewro (€120,000) ta' **Yorgen FENECH**, u għadda kollox lil Alfred Degiorgio;

Jirriżulta wkoll illi matul il-ġimgħat u x-xhur ta' wara l-omiċidju, u ċioe' sakemm ġie arrestat Melvin Theuma nhar l-Erbatax (14) ta' Novembru tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), l-akkużat **Yorgen FENECH** ħareġ ukoll għexieren ta' eluf ta' Ewro oħra sabiex, fost l-oħrajn, jiffinanzja d-difiża legali ta' Alfred u George Degiorgio li, nel frattemp, flimkien ma' Vincent Muscat, kienu ġew arrestati u tressqu l-qorti akkużati li eżegwew l-omiċidju tas-Sinjura Caruana Galizia.

## <u>Il-konsegwenzi</u> :

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Yorgen FENECH** sar ħati ta' **<u>kompliċita' f'omiċidju volontarju</u>**, u ċioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, irrenda ruħu kompliċi ma' terzi li dolożament bil-ħsieb li joqtlu persuna, u ċioe' lil Daphne Caruana Galizia, jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunawlha l-

mewt, liema mewt seħħet nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs).

## L-akkuża :

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, takkuża lill-imsemmi **Yorgen FENECH** ħati ta' **komplicita' f'omiċidju volontarju**, u cioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-ġżejjer, **irrenda ruħu kompliċi ma' terzi fid-delitt ta' omiċidju volontarju, u ċioe' li dolożament bil-ħsieb li joqtlu persuna (Daphne Caruana Galizia) jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'perikolu ċar, ikkaġunawlha l-mewt. Dan billi ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel dan id-delitt jew ġiegħel li dan id-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella ta istruzzjonijiet biex isir dan id-delitt, jew xewwex lil ħaddieħor inkella saħħaħ il-volonta' ta' ħaddieħor sabiex jagħmel dan id-delitt, jew wegħdu li wara l-fatt jassistih, jieqaf miegħu, jew jikkompensah,** liema delitt ta' omiċidju volontarju seħħ nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs).

## Il-piena mitluba :

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Yorgen FENECH** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija għal għomru**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 42(a), 42(b), 42(e), 43, 46, 211(1), 211(2), 467(2), u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**……. / It-Tieni (2) Kap** ☞

**IT-Tieni (2) u l-AĦĦAR KAP**
*Assoċjazzjoni ma' persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta*

**Il-fatti :**

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' l-Att ta' Akkuża, l-akkużat **Yorgen FENECH** f'Malta assoċja ruħu ma' persuna jew persuni f'Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija – u ċioe' l-omiċidju tal-ġurnalista nvestigattiva Daphne Caruana Galizia;

ILLI fil-fatt, u kif spjegat dettaljatament fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) l-akkużat **Yorgen FENECH** iltaqa' ma' Melvin Theuma f'Malta (ħdejn l-istabbiliment *Blue Elephant* ġewwa Portomaso) u talbu sabiex isiblu lil xi ħadd biex joqtol lil Daphne Caruana Galizia. Huwa semmielu speċifikatament lil *"Ġorġ iċ-Ċiniż tal-Marsa"* (*ossia* George Degiorgio) bħala persuna li kellha l-potenzjal li tidħol għal biċċa xogħol bħal din. Melvin Theuma rnexxielu jakkwista n-numru ta' Alfred Degiorgio *il-Fulu,* li jiġi ħu George Degiorgio *iċ-Ċiniz,* iltaqa' miegħu, u nfurmah li "kellu persuna" (b'referenza għall-akkużat **Yorgen FENECH,** pero' mingħajr ma' żvela l-identita' tiegħu) li ried jikkuntratta l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Alfred Degiorgio sussegwentement talbu s-somma ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) sabiex hu, ħuh George Degiorgio *iċ-Ċiniż* u Vincent Muscat *il-Koħħu* joqtlu lill-ġurnalista. Tletin elf Ewro (€30,000) jitħallsu bħala depożitu irrifondibbli bil-quddiem, u l-bilanċ ta' mija w għoxrin elf Ewro (€120,000) jitħallsu wara li jsir il-qtil;

ILLI Melvin Theuma nforma lill-akkużat **Yorgen FENECH** bil-prezz mitlub minn Degiorgio, bl-akkużat **Yorgen FENECH** jaqbel, jiftiehem, u jaċċetta tant li xi ġimgħatejn wara l-elezzjoni ġenerali tat-Tlieta (3) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), huwa għadda lil Melvin Theuma pakkett kannella kontenenti mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) fi flus kontanti, rappreżentanti l-pagament biex tinqatel Daphne Caruana Galizia;

ILLI l-qtil miftiehem, ikkuntrattat, u mħallas mill-akkużat **Yorgen FENECH** seħħ nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) fit-tlieta neqsin minuta u ħames sekondi ta' wara Nofsinhar (14:58:55), fl-inħawi tal-Bidnija, limiti tal-Mosta, Malta, fejn, permezz ta' esplożjoni ta' bomba mpoġġija għal dan il-għan taħt is-*seat* tax-xufier tal-vettura tagħha nqatlet b'mod vjolenti u brutali is-Sinjura Caruana Galizia;

ILLI d-delitt li għalih seħħet l-assoċjazzjoni mertu ta' dan il-Kap, u ċioe' l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia huwa delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

## Il-konsegwenzi :

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Yorgen FENECH** sar ħati talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, **f'Malta assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta** **(l-omiċidju volontarju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia)** **li għalih hemm il-piena ta' priġunerija**.

## L-akkuża :

GĦALDAQSTANT l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, takkuża lill-imsemmi **Yorgen FENECH** ħati talli nhar is-Sittax (16) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), u fil-ġranet, ġimgħat, u xhur ta' qabel, **f'Malta assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija**.

## Il-piena mitluba :

KONSEGWENTEMENT l-Avukat Ġenerali titlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Yorgen FENECH** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija għal żmien minn għoxrin (20) sena sa tletin (30) sena** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 48A(1), 48A(2), 48A(3), 48A(4), 211,

u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Avv. Philip GALEA-FARRUGIA**
*Għall-Avukat Generali*

# QORTI KRIMINALI

## GĦALL-GŻIRA TA' MALTA U L-GŻEJJER LI JAGĦMLU MAGĦHA

Att ta' Akkuża numru: **17/2021**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**Yorgen FENECH** ta' 39 sena, iben George Fenech u Patricia nee' Camilleri, imwieled il-Pieta', Malta fit-23 ta' Novembru 1981, u residenti ġewwa Portomaso, 2592, Vjal Portomaso, San Ġiljan, Malta, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 0036482M.

**Nota ta' Xhieda, Dokumenti, u Oġġetti oħra.**

| XHIEDA |
|---|

| | |
|---|---|
| ABELA Dr. Emily | c/o *Melita Ltd.* |
| ABELA Charlene* (Ex-WPS 265) | H'Attard. |

| | |
|---|---|
| ABDILLA Rodnick | c/o Awtorita' Marittima ta' Malta. |
| ALAMANGO Gloria (WPS 98) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| AQUILINA Richard, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| AQUILINA Simon | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| ARNAUD Keith (Superintendent). | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| ATTARD Graziella (Dep. Reġ) | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| ATTARD Jonathan (Ex-PS 602) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| AZZOPARDI Mario (PS 586) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| AZZOPARDI Natalio | Gżira |
| AZZOPARDI REFALO Charles (PC 36) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| BAJADA Dr. Martin, Espert* | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| BALZAN Reuben (PS 487) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| BONDIN Joseph | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| BONDIN Malcolm (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| BONNICI Dr. Anthony | c/o *GO p.l.c.* |
| BORG Arthur (PS 122) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| BRINCAT Joseph | c/o Marsa White Stars Bar, Marsa. |
| BRINCAT Edgar (Edwin) | Ħ'Attard. |
| BUTTIGIEG Mario (PL), Espert* | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| BUTTIGIEG Ryan (PC 1342) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| BUGEJA John | Naxxar. |

| | |
|---|---|
| BUGEJA Nazzareno* | Bidnija. |
| CAMILLERI Kenneth | Tarxien. |
| CAMILLERI Dr. Kenneth | c/o *Asset Recovery Bureau* |
| CAMILLERI Michelle (WPS 293) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| CAMILLERI PODESTA' Prof. M.T. | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| CARABOTT Claire* | c/o Sptar Mater Dei, tal-Qroqq. |
| CARDONA Alvin, Espert. | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| CARUANA David* | Tarxien. |
| CARUANA Miguel | Marsaskala |
| CARUANA GALIZIA Andrew* | Bidnija |
| CARUANA GALIZIA Matthew | Bidnija |
| CARUANA GALIZIA Dr. Peter* | Bidnija |
| CASHA Charlot (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| CASSAR Jesmond | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| CASSAR Dr. Marisa, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| CASSAR Stephanie (WPC 369) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| CASSAR BONACI Graham* (PC 1285) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| CEFAI Malcolm (PC 1075) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| CHANT Mario | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| CHATZIANTONIOU Ioannis , Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| CILIA Antoine (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |

| | |
|---|---|
| CMAREC Mario , Espert* | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| CREMONA Johan | Qormi. |
| CUTAJAR Alan | c/o Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. |
| CUTAJAR Gordon | c/o/ Awtorita' *Transport Malta.* |
| CUTAJAR Sean (PC 883) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| CUTAJAR Keith (Espert) | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| CUTAJAR Lawrence (Ex-Kummissarju) | Luqa. |
| DALLI Emanuel (PS 385) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| DEBATTISTA Darren (PC 1331) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| DEBATTISTA Margaret (Dep. Reġ) | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| DEBONO Dr. George, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| DIMECH Duncan (Ex-PC 501) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| EDLESTON Harry | c/o Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. |
| EERHART WASLANDER Maria J.T.* | NFI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| FALZON Ivan | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| FARRUGIA Mario (PC 1000) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| FARRUGIA Patrick (PC 1525) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| FAVA Joseph | c/o Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. |
| FELICE Dr. Ethel, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| FENECH Alexander | c/o *Percius Car Hire Ltd.* |
| FENECH Antoine (PS 1147) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |

| | |
|---|---|
| FENECH David | c/o *Percius Car Hire Ltd.* |
| FENECH Maria Dolores | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| FENECH Mario* | c/o *Percius Car Hire Ltd.* |
| FENNERN Richard J , Espert* | FBI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| FORMOSA Daniel (PS 959) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| FORMOSA Dr. Luana | c/o Sptar Mater Dei, tal-Qroqq. |
| FORMOSA Prof. Saviour* | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| FRANCALANZA Danilo (PC 998) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GALEA William (PC 1431) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GARCIA Lara* (WPC 156) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GATT Clayton (PC 179) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GATT Dr. Daphne | c/o Sptar Mater Dei, tal-Qroqq. |
| GERA John | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| GERADA Josef (PS 512) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GILI Randle* (PC 415) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GIORGIO Dr. Jean Pierre, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| GORDILLO TORRES Israel, Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| GRECH Abigail* (WPC 424) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GRECH Andre' (Ex-PC 1494) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GRECH Arthur | c/o Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. |
| GRECH James (Superintendent) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |

| | |
|---|---|
| GRECH Patrick (Ex-PS 1184) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| GRECH FIORINI Eunice (Reġ. Qorti) | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| HARMOINEN Sami, Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| HUGHES Jeffrey* (Ex-PS 659) | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| IMBROLL Francesco (PS 336) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| LOUCA Margarita*, Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| MALHEIRO Daniel Fernandes*, Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| MAMO Sandro (PC 432) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MANICOLO Kevin (PS 637) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MEILAQ Francis | c/o Sptar Mater Dei, tal-Qroqq. |
| MICALLEF Antoine (PS 579) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MICALLEF Karl (PC 844) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MICALLEF Sean (PC 406) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MIFSUD Marisa (Dr.) , Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| MIFSUD Suzanne* (PS 2224 / WPS 224) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MINTOFF Kristian* (PS 186) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MIRABELLI Matthew | Għargħur. |
| MULA DEBONO Juan (PS 691) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MUSCAT Jurgen (PC 878) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| MUSCAT Marnie* | c/o *Epic Communications Ltd.* |
| MUSCAT Vincent | c/o Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. |

| | |
|---|---|
| PACE Lawrence | Tarxien |
| PACE Sean (PC 910) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| PARNIS Matthew (PS 826) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| PETROU Konstantinos, Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| PIZZUTO Jean Paul (PC 1007) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| PORTELLI Christopher* (PC 742) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| PULIS Kevin (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| ROOS Martin, Espert* | NFI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| SAID Stephen | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| SALFRAZ Dr. Ali, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| SALIBA Christopher (PC 760) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| SALIBA Emanuel (Ex-PS 1152) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| SAMMUT Carmel Wallace | Tarġa Gap, Mosta. |
| SAMMUT Frederick | c/o Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. |
| SAMMUT Dr. Martin (Ass. Kumm.) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| SAMMUT GRECH Maria Winne | Tarġa Gap, Mosta. |
| SANT Francis | Bidnija. |
| SANT Cpt. Matthew | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| SAVONA Michael | c/o/ Awtorita' *Transport Malta.* |
| SCERRI Gary | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| SCERRI Dr. Mario, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |

| | |
|---|---|
| SCHEMBRI Jason (PC 405) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| SCHEMBRI Keith | Mellieħa. |
| SCHEMBRI Raymond | c/o *Paradise Garage* |
| SCHOT Cornelis* | NFI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| SCHUTE William , Espert* | FBI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| SMITH Alexander | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| SPITERI Dr. Michael | c/o Sptar Mater Dei, tal-Qroqq. |
| SPITERI Russel (PC 616) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| TABONE Marie Claire | c/o *Melita Ltd.* |
| THOMA Ioulia, Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| TOLLI Marco, Espert* | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| TOTARO Giuseppe, Espert | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| THEUMA Melvin | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| VAN BEEST Marcel, Espert* | NFI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| VAN DER MEIJ, Marinus, Espert* | EUROPOL (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| VASSALLO Dr. Katya, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| VASSALLO Roderick (PC 123) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| VELLA Dr. Adrian | Qawra, San Pawl il-Baħar. |
| VELLA Clinton (PC 813) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| VELLA Dr. Daniel, Espert | c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta. |
| VELLA Joseph (PS 836) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |

| | |
|---|---|
| VELLA Keith (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| VELLA Mario | Bidnija. |
| VELLA Nicholas (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| VERZIJLBERGH JOHANNES M., Espert* | NFI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| WOOD Logan | Mellieħa. |
| WOORTMEIJER Hinderikus, Espert* | NFI (c/o Qrati tal-Ġustizzja, Valletta). |
| ZAHRA Antoine | c/o Forzi Armati ta' Malta. |
| ZAHRA Kurt (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| ZAMMIT Brady (PS 264) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| ZAMMIT Charmaine | c/o *Epic Communications Ltd.* |
| ZAMMIT Claire | c/o Sptar Mater Dei, tal-Qroqq. |
| ZAMMIT Kyle (PC 1564) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |
| ZAMMIT Shianne | Żurrieq. |
| ZAMMIT Timothy (Spettur) | c/o Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. |

U kwalsiasi xhud ieħor li ddepona fil-mori ta' l-istruttorja, u/jew fl-inkjesti esebiti fl-istruttorja skond il-liġi.

## OĠĠETTI u DOKUMENTI

| | |
|---|---|
| A 1 sa A 8 | Ritratti (Alvin Cardona) |
| B 1 sa B 15 | Ritratti (Alvin Cardona) |
| AB 1 | Dokument (Anthony Bonnici) |
| ABC | Rapport (Alvin Cardona) |
| ABC 1 | Dokument (Alvin Cardona) |
| ABC 2 | Dokument (Alvin Cardona) |
| AC | *External Hard Drive* (Alvin Cardona) |
| AC 2 | Rapport |
| AC 2 | Rapport kontenenti 2 DVDs (A. Cardona) |
| AC 55 | Rapport b'DVD anness (A. Cardona) |
| AC L | Rapport (Spett. Antoine Cilia) |
| AC l1 | Notamenti (Spett. Antoine Cilia) |
| AC X | Rapport (Alvin Cardona) |
| AC Y | *Pen Drive* (Alvin Cardona) |
| AF 1 | Dokument (Alexander Fenech) |
| BZ 1 | Notamenti (Brady Zammit) |
| CG 1 sa CG 3 | Sett ritratti (Clayton Gatt) |
| CG 4 | Fotokopja minn djarju (Clayton Gatt) |
| CS 1 | Rapport |

| | |
|---|---|
| CZ A | CD (Charmaine Zammit) |
| CZ B | CD (Charmaine Zammit) |
| CZ C | Dokument (Charmaine Zammit) |
| DD 1 | Notamenti (Duncan Dimech) |
| EA 1 | CD (Emily Abela) |
| EA 2 | Dokumenti (Emily Abela) |
| EAA | CD (Emily Abela) |
| EGF 1 sa EGF 4 | Traskrizzjonijiet ta' Stqarrijiet |
| GA | *Signal chat* esebita minn Graziella Attard |
| GA 1 | *Signal chat* esebita minn Graziella Attard |
| GA 2 | Proċess Verbal 813/2017 |
| GA X | Riċevuta (Graziella Attard) |
| GA Y | Riċevuta (Graziella Attard) |
| GA Z | Riċevuta (Graziella Attard) |
| GA Z1 | *Pen Drive* (Graziella Attard) |
| GS 1 | CD (Gary Scerri) |
| GS 2 | Rapport Mediku (Gary Scerri) |
| IT 1 | *Submission Form* (Ioulia Thoma) |
| IT 2 | Dokument (Ioulia Thoma) |
| IT 3 | *Submission Form* (Ioulia Thoma) |
| IT 4 | *Submission Form* (Ioulia Thoma) |
| JG 1 | Notamenti (Josef Gerada) |

| | |
|---|---|
| JPG | Rapport (Esperti psikjatri) |
| KA 1 | Ittra |
| KA 3 sa KA 9 | Stqarrijiet (Johan Cremona) fuq DVDs |
| KA 10 sa KA 13 | Stqarrijiet (Adrian Vella) fuq DVDs |
| KA 14 sa KA 16 | Stqarrijiet (Keith Schembri) fuq DVDs |
| KA 17 | Stqarrija (Melvin Theuma) fuq DVD |
| KA 18 u KA 19 | Stqarrijiet (Kenneth Camilleri) fuq DVDs |
| KA 20 | Stqarrija (Logan Wood) fuq DVD |
| KA 21 | Stqarrija (Edgar Brincat) fuq DVD |
| KA 22 sa KA 27 | Stqarrijiet (Melvin Theuma) fuq DVDs |
| KA 28 | Dokumenti (Supt. Keith Arnaud) |
| KA 29 | *Printout* mill-blog *Running Commentary* |
| KA 30 | *Time-line* (Supt. Keith Arnaud) |
| KA 31 | Notamenti (Supt. Keith Arnaud) |
| KA 32 | Notamenti (Supt. Keith Arnaud) |
| KA 33 | Notamenti (Supt. Keith Arnaud) |
| KA 34 | Notamenti (Supt. Keith Arnaud) |
| KA X | Notamenti (Supt. Keith Arnaud) |
| KA X | 2 faċċati ta' ritratti (Supt. K. Arnaud) |
| KA XX | Ċertifikat (Supt. K. Arnaud) |
| KA XX 1 | Riċevuta (Supt. K. Arnaud) |
| KA XX 2 | Riċevuta (Supt. K. Arnaud) |

| | |
|---|---|
| KA XX 3 | Riċevuta (Supt. K. Arnaud) |
| KA Y | 3 faċċati ritratti (Supt. K. Arnaud) |
| KC 1 | Kompendju ta' l-Assi |
| KP 1 | Ritratt ta' ċertifikat mediku |
| KP 2 | Kopja ta' riċevuta |
| KP 3 sa KP 10 | Sett ta' riċevuti |
| KP 11 | Riċevuta |
| KP 12 | Riċevuta |
| KP 13 u KP 14 | Riċevuti |
| KP 15 sa KP 24 | Sett ta' riċevuti |
| KP 25 | *Envelope* abjad kontenenti *Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta' *Wings Development Limited.* |
| KP 26 | Sett ta' korrispondenza |
| KP 27 | Ċertifikat |
| KP 28 | *Memorandum & Articles of Association* |
| KP 29 u KP 30 | Ċertifikati |
| KP 31 | *Envelope* kontenenti *business cards* |
| KP 32 sa KP 37 | *Invoices* |
| KP 38 | *Lease agreement* |
| KP 39 | *Invoice* |
| KP 40 | Ċertifikat |
| KP 41 | *Memorandum & Articles of Association* |

| | |
|---|---|
| KP 42 | Certifikat |
| KP 43 | Ftehim / *agreement* |
| KP 44 | Dokument *Enemalta* |
| KP 45 | *Email* |
| KP 46 | *Email* |
| KP 47 | Dokument *Nexia BT* |
| KV 1 | *Evidence Bag* XL 000129069 (flip charts) |
| KV 1 | Traduzzjoni ta' Dok. XYZ 3 (Rapp. Europol) |
| KV 2 | *Evidence Bag* LC 00025285 (dokumenti) |
| KV 2 | Traduzzjoni ta' Dok. XYZ 6 (Rapp. Europol) |
| KV 2 | Traduzzjoni (Dr. Katya Vassallo) |
| KV 3 | *Evidence Bag* LC 00025284 (dokumenti) |
| KV 3 | Traduzzjoni ta' Dok. XYZ 7 (Rapp. Europol) |
| KV 4 | *Evidence Bag* LC 00025286 (dokumenti) |
| KV 4 | Traduzzjoni ta' Dok. XYZ 9 (Rapp. Europol) |
| KV 5 | Riċevuta |
| KV 5 | Traduzzjoni ta Dok XYZ 10 (Rapp. Europol) |
| KV 6 | Riċevuta |
| KV 6 | Traduzzjoni ta Dok. XYZ11 (Rapp. Europol) |
| KV 7 | Riċevuta |
| KV 7 | Traduzzjoni (Dr. Katya Vassallo) |
| KV 8 | Fotokopja ta' dokument |

| | |
|---|---|
| KV 8 | Traduzzjoni (Dr. Katya Vassallo) |
| KV 9 | Traduzzjoni (Dr. Katya Vassallo) |
| KV 10 | Traduzzjoni (Dr. Katya Vassallo) |
| KZ 1 | Passaport |
| KZ 1 | Notamenti ta' PC 1564 |
| KZ 2 | *Card* bankarja |
| KZ 3 | *Card* bankarja |
| KZ 4 | *Card* bankarja |
| KZ 5 | *Card* bankarja |
| KZ 5 | DVD kontenenti 'Part 1' ta' Stqarrija |
| KZ 1 sa KZ 4 | *Audiovisual Statements* (Spettur Kurt Zahra) |
| KZ 6 | Notamenti ta' l-Ispettur Kurt Zahra |
| KZ 7 | Notamenti ta' l-Ispettur Kurt Zahra |
| KZ 8 | Notamenti ta' l-Ispettur Kurt Zahra |
| KZ 9 | Notamenti ta' l-Ispettur Kurt Zahra |
| KZ X | Ċertifikat (Spett. Kurt Zahra) |
| LW 1 | *Printouts* ta' skambju ta' *emails* |
| MA 3 sa MA 11 | Sett Dokumenti TM (Michael Savona) |
| MC 1 | Notamenti (Malcolm Cefai) |
| MCG 1 sa MCG 28 | Dokumenti (Matthew Caruana Galizia) |
| MCG 28 | Dokument b'2 faċċati (Matthew C. Galizia) |
| MCG 29 | Skambju ta' messaġġi (Matthew C. Galizia) |

| | |
|---|---|
| MCG 30 | *Blog Post* datat 22.02.17 (Matthew C. Galizia) |
| MCG 31 | *Blog Post* datat 22.02.17 (Matthew C. Galizia) |
| MCG 32 | *Blog Post* datat 26.05.17 (Matthew C. Galizia) |
| MCG 33 | *Blog Post* datat 22.02.17 (Matthew C. Galizia) |
| MCG 34 | *Emails* stampati (Matthew C. Galizia) |
| MCG 35 | *Emails* stampati (Matthew C. Galizia) |
| MCG 36 | Dokumenti bankarji (Matthew C. Galizia) |
| MCG 37 | *Email* stampat (Matthew C. Galizia) |
| MCG 38 | *Email* stampat (Matthew C. Galizia) |
| MCG 39 | Estratt ta' Minuti (Matthew C. Galizia) |
| MCG 40 | Artiklu *Reuters* (Matthew C. Galizia) |
| MCT 1 | Dokument (Marie Claire Tabone) |
| MCT 2 | Dokument (Marie Claire Tabone) |
| MD 1 | Traskrizzjoni ta' Dok. KZ5 (M.D. Fenech) |
| MD 1 sa MD 5 | Traskrizzjonijiet (Margaret Debattista) |
| MD 6 | Traskrizzjoni (Margaret Debattista) |
| MD 7 | Traskrizzjoni (Dok. MD 2 kif korretta) |
| MD 8 | Traskrizzjoni (Dok. MD 3 kif korretta) |
| MD 9 u MD 10 | Traskrizzjonijiet (Margaret Debattista) |
| MD FY | Lista ta' esebiti formali (M'Dolores Fenech) |
| MD X | *Pen Drive* (Margaret Debattista) |
| MD X 1 | Proċess Verbal 628/2021 |

| | |
|---|---|
| MD Y | *Pen Drive* (Margaret Debattista) |
| MM 1 | Traskrizzjoni (Marisa Mifsud) |
| MS | Rapport (Emanuel Saliba) |
| MS 1 | CD (Emanuel Saliba) |
| MS 1 | Notamenti (Kaptan Matthew Sant) |
| MS 1 | Dokument TM (Michael Savona) |
| MS 2 | Dokument TM (Michael Savona) |
| NA 1 | Dokument (Natalio Azzopardi) |
| NA 2 | Dokument (Natalio Azzopardi) |
| RA 1 | Dokumenti MMA (Rodnick Abdilla) |
| SH 1 | Notamenti (Sami Harmoinen) |
| SH 2 sa SH 4 | *Submission Forms* (Sami Harmoinen) |
| SM 1 | Rapport (Suzanne Mifsud) |
| X | Vera kopja ta' Proklama |
| X 1 sa X 123 | Traskrizzjonijiet |
| X 124 sa X 129 | Traskrizzjonijiet |
| X 130 sa X 137 | Traskrizzjonijiet (M. Debattista, M. Mifsud) |
| XYZ 1 | Kaxxa kontenenti *hard drive* (EUROPOL) |
| XYZ 2 | Kaxxa kontenenti *hard drive* (EUROPOL) |
| XYZ 3 | Rapport (Konstantinos Petrou) |
| XYZ 4 | *Submission Form* (Konstantinos Petrou) |
| XYZ 5 | Dokument (Konstantinos Petrou) |

| | |
|---|---|
| XYZ 6 | Rapport (Giuseppe Totaro) |
| XYZ 7 | Rapport (Giuseppe Totaro) |
| XYZ 8 | *Submission Form* (Giuseppe Totaro) |
| XYZ 8A | *Submission Form* (Giuseppe Totaro) |
| XYZ 9 | Rapport (Israel Gordillo Torres) |
| XYZ 9A | *Submission Form* (Israel Gordillo Torres) |
| XYZ 9B | Dokument (Israel Gordillo Torres) |
| XYZ 10 | Rapport (Israel Gordillo Torres) |
| XYZ 10A | Dokument (Israel Gordillo Torres) |
| XYZ 11 | Rapport (Israel Gordillo Torres) |
| XYZ 11A | Dokument (Israel Gordillo Torres) |
| YC 1 | Dokument esebit minn Johan Cremona |

*Evidence bag* M24128684 kontenenti 2 oġġetti bl-*exhibit numbers* L000091_A u L00095091_A_1 (Giuseppe Totaro).

*Evidence bag* M24128685 kontenenti 2 oġġetti bl-*exhibit numbers* M00575241 u M00575241_1 (Giuseppe Totaro).

*Evidence bag* M24128686 kontenenti 2 oġġetti bl-*exhibit numbers* S00569809 u S00569809_1 (Giuseppe Totaro).

*Evidence bag* 1211066 kontenenti oġġett bl-*exhibit number* L00095091_B (Giuseppe Totaro).

## OĠĠETTI u DOKUMENTI OĦRA

- L-Atti tal-Istruzzjoni miġburin kontra l-akkużat *qua* imputat;
- Id-depożizzjonijiet tax-xhieda li hemm fl-atti msemmija f'każ li skond il-liġi jkun meħtieġ li jinġiebu;
- L-eżami u t-tweġibiet ta' l-akkużat;
- Id-dokumenti u l-esebiti kollha li hemm fl-atti msemmija;
- L-Atti (vera kopja) ta' l-inkjesta 813/2017 *"dwar splużżjoni ġewwa Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta, fejn tilfet ħajjitha persuna li kienet ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni QQZ668 ta' l-għamla Peugeot 108, liema vettura ġarbet ħsarat estensivi, nhar is-16 t'Ottubru 2017"*, liema nkjesta tinsab debitament esebita fl-Atti tal-Istruzzjoni, nkluż id-depożizzjonijiet tax-xhieda f'każ li skond il-liġi jkun meħtieġ li jinġiebu, ir-relazzjonijiet ta' l-esperti, id-dokumenti u l-esebiti kollha fl-istess inkjesta (**Dok. GA 2**);
- L-Atti (vera kopja) ta' l-inkjesta *"dwar allegat ħasil ta' flus, evażjoni ta' taxxa u logħob mingħajr permess minn Melvin Theuma fix-xhur u snin qabel u waqt Novembru 2019"*, liema nkjesta tinsab debitament esebita fl-Atti tal-Istruzzjoni, nkluż id-depożizzjonijiet tax-xhieda f'każ li skond il-liġi jkun meħtieġ li jinġiebu, ir-relazzjonijiet ta' l-esperti, id-dokumenti, u l-esebiti kollha fl-istess inkjesta (**Dok. MD X 1**).

**Avv. Philip GALEA-FARRUGIA**
*Għall-Avukat Ġenerali*